## 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 42

IL-ĠIMGĦA 11 TA' DIĊEMBRU 2015 FIT-3.00 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1. Pagamenti tal-Kontijiet

- L-agenda giet sospiża, sabiex jiġu diskussi l-ewwel il-pagamenti tal-kontijiet.

- Il-Kunsill qabel li jgħati rigal lis-Sur Tony Teuma tas-servizz kbir li ta' lill-Kunsill dawn l-aħħar 13-il sena.

- Il-pagamenti tal-kontijiet ġew approvati u iffirmati.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti

- T Castelletti qal li hemm bżonn korrezzjoni f'paġna 3 fejn għanda tinbidel is-sentenza fejn hu kellu jitlaq kmieni mil-laqgħa tal-Kunsill, u b'hekk tiżdied is-sentenza '…wara li spjega li kien ma jiflaħx'.

## 3. Kommunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku semma biex isir manutenzjoni mil-fondi tal-*PARKS*, speċifikament kurduniet madwar is-siġar fi Triq Abate Rigord.

## 4. Kuntratt tal-Knis

- Is-Sindku qal li tkellem ma F Roe u l-kuntrattur dwar l-andament tal-knis fil-lokalita'. Il-kuntrattur fehem li hemm xi nuqqasijiet li ġejjin minħabba il-komunikazzjoni bejnu u bejn il-kennies. Il-knis ġeneralment huwa wieħed tajjeb. Jidher li ħa nkunu aħjar issa, għax qed jifhem aktar fejn għandu jgħamel ix-xogħol il-kennies.

- Ġie innottat li l-ħaxix mhux jinqata. Inġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dan in-nuqqas.

## 5. *Residents Parking Scheme*

- Sfortunatament il-Kunsill ma jistax jestendi din l-iskema għax sospiża.

- Is-Sindku, għaldaqstant, propona li *household* li fiha hemm persuna/persuni li għalqu is-60 sena jingħataw *parking permit* wieħed żejjed, u dan sabiex nassistu l-anzjani fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel.

## 6. *Magazine* t-Tmunier.

- Sindku fakkar lill-Kunsilliera li għadhom ma kitbux artikolu għal fuljett tal-Kunsill, biex issa jlestu l-artiklu tagħhom malajr kemm jista jkun.

Il-Laqgħa ġiet sospiża peress li T Castelletti ma ħassux tajjeb.
T Castelletti telaq mil-laqgħa. Ħin 5pm
Il-laqgħa kompliet. Ħin: 5.17pm

## 7. Kuntratt ta' *Operations Supervisor*

- Is-Sindku qal li issa la jitlaq Tony Teuma, irridu l-ewwel nimpjegaw persuna *part time* għal xogħol klerikali. Tajjeb ukoll, li din l-istess persuna jkun jista ukoll joħroġ jiċċekja xi xogħol fuq barra.

- Wara din, is-Sindku issuġerixxa li noħorgu tender għal *Operations Supervisor* skond kif inkunu qegħdin finanzjarjament.

- Nistgħu ukoll, waqt dan kollhu, nevalwaw il-possibilta ndaħħlu persuna bi bżonnijiet speċjali skond l-iskema tal-ETC. Dan il-persuna jkun jista jgħin fil-librerija.

## 8. Proġett Triq il-Watar

- Saret preżentazzjoni mill-Perit tal-Kunsill tal-pjanti u diżinji tal-proġett propost fi Triq il-Watar.
  L-istima tal-perit ta' dan il-proġett hija ta' Eur125,000

- Il-Kunsill qabel li jsir dan il-proġett. Il-Perit ġie diriġut sabiex jiġu preparati t-*tenders* neċessarji.

## 9. Rapport mil-Kunsilliera.

G Muscat

- Saqsa meta ser isir il-*patching* fi Triq Abate Rigord? Is-Sindku qal ħa jgħamluha b'tal emerġenza Transport Malta.
- Ressaq biex niddiskutu il-possibilta li Triq ir-Rampa issir *one way*. Is-Sindku qal nitkelmuha f'Jannar għax hemm ħafna x'tiddiskuti dwar tali proposta.

F Roe

– Ta *update* tal-borża tal-iskart organiku. Qal li għal bidu kien hemm tfixkil bil-boroż kif bdew jinġabru. Imma fortunatament, is-statistika uriet li qed jinġabar aktar skart organiku f' Ta' Xbiex max-xhur li għaddejjin.

- Ħa nerġaw niltaqaw mal-Wasteserv f'Jannar, biex niddiskutu problemi li sibna
- Inkluż ser nitkelmu mal-Ministeru biex ikun hemm aktar finanzi lejn l-iskema.

## 10. Korrispondenza.

- Il-Kunsill ma qabilx li l-ħanut *Goldies* fi Triq Testaferrata jestendi il-bankina għal imwejjed u siġġijiet.
- Dwar il-proposta tal-kumpanija *Next Bike*, il-Kunsill qabel li ssir *bike station* il-marina, kif indikat mill-kumpanija.
- Il-Kunsill qabel ukoll li jkollu żewg Wi-Fi spots ġodda mal-MCA (a) *Roundabout* funtana, (b) fejn il-*pitch* (tgħati għal fuq il-bajja)
- Il-Kunsill qabel li nħallsu lill-kumpanija Gasan Mamo Eur800 dwar il-każ li meta waqet parti mis-siġra fuq karozza waqt xogħlijiet tal-Kunsill, u dan anke fuq parir tal-avukat tal-Kunsill.

Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 7.15pm

Max Zammit
Sindku

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv